Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 19 ta' Ottubru 2016 fl- 5.00pm**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Godfrey Leone Ganado – Membru**

**Therese Valentino – Membru**

**Asha Caroline Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru.22 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson ssekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Rigward il-funtana li hemm fiz-zona tal-Madliena, ic-Chairperson ppproponiet sabiex ssir laqgha mal-Handyman tal-Kunsill sabiex tkun tista' tiehu l-pariri tieghu dwar x' jista jsir. Hija nfurmat li s-sid tal-villa li hemm fil-vicinanza, huwa lest ukoll li jikkoopera. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Ic-Chairperson staqsiet jekk waslitx xi korrispondenza dwar l-ittra li l-Kunsill ircieva mill-Avukat P. Fenech dwar it-transport pubbliku. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li din l-ittra intbaghtet lill-avukat tal-Kunsill u s'issa ghadna ma rcevejna l-ebda risposta b'isem ta' Madliena Ridge fi Triq il-Madliena.

3. Il-Membru T. Valentino staqsiet jekk il-Kunsill ircivix l-istima ta' xoghljiet ta' konkos taht il-bankina fi Triq il-Pedidalwett. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li din diga' waslet u tammonta ghal €7908.75 pero' ghadha ma waslitx l-istima ta' tarmak ta' hdejn il-villel.

4. Ic-Chairperson infurmat li rceveiet talba sabiex jigu installati 2 traffic calmers fi Triq il-Harrub u Triq il-Perkursur. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghandha tigi nstallata wahda biss fi Triq il-Perkursur.

5. Ic-Chairperson infurmat li ricentatament inghatat korrispondenza mit-TM dwar is-sinjali li gew rifreskati fi Triq is-Sebh kantniera ma' Triq il-Madliena. Hija nfurmat li skond xi residenti, dawn qed jallegaw li qed jsofru hsarat fil-propjeta private taghhom. Wara konsultazzjoni ma' TM, gie deciz li jinzebghu sinjali hdejn din il-propjeta'.

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Ic-Chairperson irreferiet ghall-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta fl-ahhar ta' Awwissu ghall-iskema ta' restawr tal-Forti Madliena. Hija nfurmat li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali din il-gimgha innotfikana li hemm bzonn li ssir Letter of Consent mis-sidien ewlenin tal-Forti. Wara dizkuzzjoni, gie deciz li ghandu jsir kuntatt ma' Lands Department kif ukoll ma' St. John Rescue Corp. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu sabiex jistaqsi ghall-estenzjoni halli jkun hemm zmien bizzejjed sabiex nakkwistaw din l-ittra.

2. Hija staqsiet jekk waslitx xi korrispondenza minn naha ta' TM dwar l-accident gravi li sar xi gimghat ilu fil-Madliena fejn korriet serjament tifla. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa llum, ghadna bla ebda risposta.

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Vici Chairperson

1. Il-Vici Chairperson irraporta li skond informazzjoni li hu inghata ricentament, fil-jiem li ghaddew sar xi serq minn xi villel fi Triq il-Bir, Triq il-Ward u Triq il-Gladjoli. Huwa ssugerixxa sabiex din il-materja tigi diskussa wkoll fil-laqgha pubblika li se ssir nhar is-7 ta' Novembru 2016 sabiex mill-aktar fis tibda' tithadem is-sistema ta' Neighbour hood watch u dik ta' CCTV Cameras. Huwa nforma li sabiex jigu installati dawn CCTV Camera hemm bzonn li jingabru sponsorships peress li l-ispiza totatli tammonta bejn €25,000 u €30,000. Huwa ssugerixxa sabiex jekk hu possibli, il-Pulizija izzidu ronda f' din iz-zona.

Mill-Membru C. Asha Caruana

1. Il-Membru infurmat li hija attendiet ghal-laqgha ma' l-ufficjali tal-Greenpak flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier A. Chetcuti dwar il-possibilita li tizdied gurnata ohra fejn jingabar l-iskart riceklat u sabiex jekk hu possibli jigu nstallati CCTV cameras hdejnil-bring-in-site fi Triq ix-Xiber.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru infurmat li ricentament hija nnuttat li hemm xi sinjali imwahla hazin fil-vicinanza ta' Triq il-Madliena, Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li jkun jaqbel jekk issir laqgha fuq sit inkwistjoni mal-kuntrattur ikkoncernat u l-Membru G. Leone Ganado. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-Kunsillier T. Valentino talbet sabiex tkun skuzata. Il-hin kien 8.00pm.*

Mill-Membru G.Leone Ganado

1. Il-Membru nforma li l-hamis li ghadda, kienu qed isiru xi spezzjonijiet mic-Civil Protection fil Forti Ta' Stronka. Huwa nforma li wara daqsxejn inistenza gie nfurmat li kellhom telefonata li kien hemm xi kimika fl-ex Medical Stores li kienet qieghda titfa' riha qawwija fl-arja. Huwa qalilhom biex jghidulu jekk kienx hemm xi periklu ghar-residenti u dawna qalulu li sabu li li 'spill' tal-kimika ma kinitx 'toxic' u li l-ghada filghodu kienu se jiehdu hsieb li l-kimika titnaddaf. Din il-gimgha kien ghad hemm riha qawwija fl-arja u lilu kienet qed taffetwalu l-asthma. Huwa cempel lill OHSA, lill-ERA, EHD u lis-Civil Protection. Hlief l-ERA li qalulul li kienu se jaghmlu rapport ghalkemm ma kienitx risponasabilta' taghhom, had ma' tah sodisfazzjon.

Din il-laqgha spiccat fit-8.00pm u sar aggornament ghal nhar l-Erbgha 23 ta' Novembru fil-5.00pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv